**Lil ħija Patri Ilarju**

Għażiż ħija u ħabib Ilarju
Inħsadt meta sirt naf li ħalletna,
Għalija dejjem kont ta' eżempju
Li b'qalb kbira lejn Kristu mexxejtna.

Kont għadni ferħ ġewwa l-fraternità
U fiċ-ċirkularijiet jissemma,
Dejjem kien hemm ismek, missjunarju,
Fejn il-missjoni kienet tissemma.

Hekk intisġet ħajtek fil-missjoni
Itineranti bħal ħuna Franġisk,
Itterraq mal-għoljiet u fil-wita'
Ixxandar lil Kristu bi spirtu frisk.

Inti, Patri marjan għax Żabbari
Lill-Madonna tal-Grazzja kemm ħabbejt,
Itlob għax is-sejħat skarsu sewwa
Ħalli oħrajn jissoktaw fejn ħallejt.

Kont ukoll kontributur hekk siewi
Fil-pubblikazzjoni kliem il-Ħajja,
Imħabbitek għall-Kelma ta' Alla
Saħħet sew lill-qarrejja fit-tlajja'.

L-ispirtu ta' talb tiegħek se jibqa'
Ikun ta' tnebbieħa għal bosta w bosta nies,
Kemm f'dik il-kappella ntfajt quddiemu
Ġesù fl-Ewkaristija f'dak is-skiet.

Ta' lejl fuq lejl 'il bogħod mill-għagħa
Ta' tpaċpiċ fieragħ li ma jagħmilx ġid,
Imma int ta' raġel w patri għaqli
Miegħu kont tiftaħ qalbek ta' ħabib.

Ilarju, li għext ħajja nterjuri
Semmiegħ prim li wettaqt kelmet Ġesù,
Itlob għalina mis-sema ħuna
Biex bħalek ilkoll nikbru fil-virtù.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.